MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 225/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Cassar)**

**Vs**
Paul Grima

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Gunju, 2005 ghall-habta tad-8.45 p.m., gewwa l-fond "Maruska" Flt 4, Triq il-Gidwet, M'Scala,**
**1) volontarjament ikkaguna hsara fil-bieb tal-imsemmija residenza, liema hsara ma teccedix il-LM50 ghad-detriment ta' M'Rose Grech minn M'Scala;**
**2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded bi kliem lil M'Rose Grima.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Gunju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal xahar detenzjoni w obbligat lill-istess appellant sabiex izomm il-bon ordni ma’ kulhadd u li jzomm il-kwiet ma’ l-istess M’Rose Grima, M’Rose Grech u Vince Francica, liema obbligazzjoni tibqa’ ssehh ghal perjodu ta’ sena, taht penali ta’ mitt lira Maltin (LM100) fin-nuqqas, a tenur tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta’ Gunju, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi, minflok il-piena ta’ xahar detenzjoni, tigi mposta piena jew sanzjoni aktar gusta w ekwa ghac-cirkostanzi partikolarissimi ta’ dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat l-aggravji tal-appellant ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

Rat il-verbal tal-lum li bih din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghall-fatt li minn ezami preliminari tal-process u tas-sentenza appellata jidher li l-Ewwel Qorti ma ccitatx l-artikoli tal-ligi kollha li tahthom l-appellant prezumibbilment instab hati u li konsegwentement dan jirrendi s-sentenza appellata nulla.

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

Illi l-appellant gie akkuzat b’ zewg imputazzjonijiet u cioe’ dik ta’ danni volontarji f’ bieb tal-fond ta’ residenza Maruska, Flat 4, Triq il-Gidwet, Marsaskala , hsara li ma teccedix il-hamsin lira Maltin, kif ukoll talli hedded bi kliem lil M’Rose Grima.

**L-Ewwel Qorti, wara li rat l-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, (Sic.) sabet lill-appellant hati *"ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni".* Dan ovvjament ifisser li hu nstab hati kemm ta' danni volontarji, li ma jaqbzux il-hamsin lira (LM50), delitt kopert bl-art.325 ( c ) tal-Kodici Kriminali w punibbli bil-prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur  kif ukoll tar-reat kontravvenzjonali ta' theddid kopert bl-art. 339(e), punibbli , fost pieni ohrajn, bid-detenzjoni.**

**Illi pero' l-Ewwel Qorti ma ccitatax l-artikolu 325 (c ) li jikkontempla l-ewwel reat li tieghu sabet lill-appellant hati. Semmiet biss l-artikolu 339 (e) u aktar il quddiem fis-sentenza l-artikolu 383 tal-Kap.9 li jikkontempla l-impozizzjoni ta' garanzija, ossia l-obbligazzjoni sabiex izomm il-buon ordini.**

**Jekk umbaghad l-Ewwel Qorti ma rieditx issib lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni ta' danni volontarji, (kif forsi jista' jidher mill-piena ta' natura kontravvenzjonali mposta ), dan imissha qalitu car fil-parti tad-*decide*, billi tiddikjara espressament li ma kienetx qed issib htija ta' l-ewwel imputazzjoni u tillibera lill-appellant minnha.**

Ikkonsidrat;

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, <u>ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati,</u> taghti l-piena w <u>ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia**"**

**[25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**"** **[9.9.2002];** "Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**"** **[10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**"** **[24.4.2002],** **"**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**"** **[14.9.2004];** **"**Il-Pulizija vs. John Axiaq et" **[19.5.2005] ;** "Il-Pulizija vs. Stefan Abela" **[2.2.2006] u ohrajn).**

**Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*" ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim.** "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra" **[26.5.1994]** ; "Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**"** **[6.1.2005] u ohrajn)**

**Ghaldaqstant, f'dan l-istadju, din il-Qorti trid, kif del resto qablu l-prosekuzzjoni w d-difiza ,*"ex officio*" tannulla s-sentenza appellata w tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex jigi rettifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma ccitatx l-artikoli kollha tal-ligi li tahthom prezumibbilment kienet qed issib il-htija.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------